Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,578, 30 ta' Jannar, 2026

Taqsima B

A.L. 27 tal-2026

ATT DWAR AZZJONIJIET RAPPREŻENTATTIVI TAL-KONSUMATURI (KAP. 635)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 22 tal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi, il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Iskeda". Kap. 635.

Jemenda l-Iskeda.

2. Minnufih wara l-partita (68) tal-Iskeda għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"(69) Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-*data* u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (l-Att dwar id-*Data*).".